MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 3/2011

Michael u Maureen konjugi Pace

Vs

Chad Jeffrey Grima

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-15 ta' Marzu 2011, li jghid hekk :-

'Ghid inti konvenut il-ghaliex m'ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont ta' disgha mija u erbgha u erbghin ewro u hamsa u sittin ewro centezmi (€944.65) hekk kif jidher mis-*survey report* hawn anness u markat dokument A, u dan rapprezentanti hsara minnek volontarjament ikkagunata fuq il-vettura tat-tip Citroen Picasso bin-numru tar-registrazzjoni CBR 485 ;

Liema hsara inti stess ammettejt li kkagunajtha u dana fil-proceduri kriminali li kien hemm kontrik, kopja ta' liema

sentenza qeghdha  tigi hawn annessa u markata B, u dana prevja dikjarazzjoni li inti stess responsabbli ghal dan l-incident ;

Bl-interessi bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) mid-data tat-18 ta’ Frar 2011, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez tas-*survey report* fl-ammont ta’ tmienja u hamsin ewro u hamsa u ghoxrin ewro centezmi (€58.25), kif ukoll tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 46/2011PC fl-ismijiet : Michael Pace et vs Jeffrey Chad Grima ;

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.’ ;

Ra li l-konvenut debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fit-23 ta’ Marzu 2011, la pprezentat risposta u lanqas ma deher biex jikkontesta t-talba attrici ;

Fl-udjenza tad-19 ta’ April 2011, sama’ lill-attrici Maureen Pace bil-gurament li spjegat li fil-lejl ta’ bejn is-17 u t-18 ta’ Frar 2011, il-karozza taghhom tal-ghamla Citroen Picasso bin-numru ta’ registrazzjoni CBR 485 li kienet parkeggjata fi Pjazza Savina, ir-Rabat, Ghawdex, sfat il-mira ta’ att vandalu li gie kommess mill-konvenut, kif irrizulta lill-Pulizija minn filmat li ngibed minn CCTV camera li hemm installata mal-faccata ta’ hanut li hemm fl-istess pjazza, liema hsara t-tiswija taghha switilhom tmien mija u disa’ u tmenin Euro u sebgha u sittin centezmi (€889.67) skond l-ircevuti esibiti. Dan minbarra l-kiri ta’ vettura li hi u zewgha kellhom jikru sakemm saru u tlestew it-tiswijiet fuq il-vettura taghhom li skond ir-ricevuta fiskali minnhom esibita wkoll, hallsu sebghin Euro u tmenin centezmi (€70.80). Esibiet ukoll sett ta’ sebgha ritratti biex turi l-konsistenza u l-estensjoni tal-hsara li saret mill-konvenut fuq il-vettura taghhom;

Fl-istess udjenza tad-19 ta’ April 2011, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tat-28 ta’ April 2011, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza

tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, u baqa' ma deherx, il-kapitoli gew miftuha u approvati ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti ;

Ikkunsidra :-

Illi din hija talba ta' reklam ta' flus minhabba danni li gew sofferti mill-atturi fuq il-vettura taghhom Citroen Picasso bin-numru CBR 485 wara li din giet vandalizzata mill-konvenut fil-lejl ta' bejn is-17 u 18 ta' Frar 2011, waqt li kienet parkeggjata fi Pjazza Savina, Rabat, Ghawdex. Dwar dan il-kaz sa ttiehdu proceduri kriminali mill-Pulizija Ezekuttiva fil-konfront tal-konvenut, f'liema proceduri kien il-konvenut stess li ammetta li kien hu li ghamel il-hsara fuq il-vettura tal-atturi, u b'sentenza tal-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti Ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Frar 2011, wara li dik il-Qorti sabitu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, sa rabtitu wkoll li jhallas id-danni li kkaguna lill-atturi fuq il-vettura taghhom fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza, u bhala garanzija ghall-hlas ta' dawn id-danni l-Qorti sa ordnatlu jiddepozitu l-*log book* tal-vettura tieghu tal-ghamla Toyota Belta bin-numru ta' registrazzjoni GBL 115 taht l-awtorita' taghha, u li jkun jista' jirtirah wara li jkunu gew saldati d-danni kollha ;

L-atturi bil-kapitoli taghhom riedu jipprovaw li l-ammont kollu minnhom mitlub minghand il-konvenut huwa dovut. Rigward il-valur probatorju tal-kapitoli dan it-Tribunal mhuwiex obbligat li joqghod dejjem u inalterabbilment fuq il-konfessjoni prezunta. Inghad li 'huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-kontumacja tieghu, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni. Imma dan ma jfissirx li l-Qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-Qorti jidrilha li ghandha taghti prevalenza lil dawn il-provi l-ohra, il-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-

provi l-ohra' (Prim'Awla , **Tabib Dr. Antonio Zammit et vs Francesco Pace et**, 28/06/1952). Inghad ukoll illi l-kontumacja ma hijiex ammissjoni izda opposizzjoni, u ghalhekk xorta l-attur irid jipprova l-pretensjoni minnhu vantanta sabiex tirnexxi l-azzjoni tieghu. 'L-istitut tal-kontumacja hu ntiz bhala fren biex irazzan l-atteggjament tal-kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa. Il-kontumacja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest li assenza mill-atti trid tigi konfermata b'assenza bhallikieku huwa kontumaci - fis-sens pjen tal-kelma' ....... 'u l-kontumacja wahidha ma kellhiex titqies bhala ammissjoni tat-talba ta' l-attur da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti.' [Appell Inferjuri, **Fenici Insurance Agency Ltd. vs Paul Stoner et**, 22/11/2002; Qorti Tal-Appell, **Joseph Vella vs Pierre Cremona**, 10/10/2003] ;

Dan it-Tribunal fela bir-reqqa l-provi kollha u jara li t-talba tal-atturi ghall-hlas ta' disgha mija u erba' u erbghin Euro u hamsa u sittin centezmi (€944.65) hija gustifikata. Il-prova ta' dawn id-danni ma tirrizultax biss mis-*survey report* tas-surveyor Tarcisio Mercieca, li ghalkemm ma giex ikkonfermat bil-gurament, dan huwa korroborat mill-ircevuti tat-tiswija tal-hsara u x-xiri tal-*spare parts*, u avolja mill-ircevuti fiskali jirrizulta li l-ispejjez li effettivament gew inkorsi mill-atturi jissupera  l-istima tas-*surveyor*, huma ghazlu li joqghodu u qeghdin jitolbu d-danni skond l-istima u mhux skond l-ircevuti ;

Ghaldaqstant  it-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha ghar-ragunijiet hawn fuq spejgati ;

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380, u l-artikoli 1031,1032, u 1033 tal-Ka.16 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ disgha mija u erbgha u erbghin ewro u hamsa u sittin ewro centezmi (€944.65) f’danni li gew sofferti minnhom ghar-ragunijiet spjegati fl-avviz tat-talba, bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut salv ghal dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju li fid-dawl ta’ dak li gie ordnat fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ma kien hemm ebda htiega ghat-talba minn naha tal-atturi sabiex jintalab il-hrug ta’ dan il-mandat, u ghalhekk l-ispejjez ralattivi ghandhom jibqghu a karigu tal-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------